## … ta' qabel

Il-kliem tas-soltu ma nifilħux. Issa billi nikteb daħla, prologu jew kelmtejn? Din tal-kelmtejn ħelwa wisq. *Tibdiex bil-ħelu*. Għax kelmtejn sa fejn naf jien żewġ kelmiet imma oħroġ il-għaġeb kull min jiddeċiedi li jagħmel "kelmtejn" dejjem jitħajjar ma jieqaf jgħid qatt. Il-biċċa hi, li taċ-ċajt ma jkollok xejn qabel. Il-ma tgħid li qisek mort tiekol barra u bdejt mill-platt prinċipali u la tkun barra, l-ewwel platt tkun tridu … imqar jekk tħallas għal platt għaġin biz-zalza u l-prezz jiġik biz-zalza iktar mill-għaġin. *L-ikel xi tridu?*

Il-kelmtejn tiegħi jibdew minn hawn. Li se taqraw huwa jien. Dak li għaddejt minnu. Dak li weħilt fih. Dak li nagħżel li ngħid u li ma ngħidx. Li ma ngħidx forsi jgħodd iktar. Dan li se taqraw ktibtu meta kelli aptit niktbu u għax kelli aptit nikteb iktar minn kull aptit ieħor. Dejjem aħjar mill-koċċ komponimenti "My favourite destination", "La mia famiglia", "Id-dar tal-fatati". Kieku qatt joħorġu b'titlu sura. Jaqq. *Jaqq l-ikel.*

F'dal-paġni, hawn jien stess. Dak li jien. Dak li

fadal minni. Bla żbalji, ippruvajt. Lil Markita dejjem ngħidilha li "mbagħad" mhux "imbad", u "għamel" mhux "qamel". Bil-qamel ma tagħmel xejn. Hi tgħidli ffissata u forsi għandha ftit raġun. Għandha ħabta kif tgħidhomli l-affarijiet u tagħlaqli ħalqi. *Mela agħlaq ħalqek*. Anke jekk ma tafx tispelli ħafna, tikteb sabiħ u aktarx, isbaħ milli nikteb jien. Markita isbaħ. *Markita irqaq*.

Dwar hekk biss nagħlaq ħalqi ma' Markita. Fil-fatt dawn kellhom ikunu kelmtejn u dan diġà l-ma-nafx-kemm-il paragrafu. Viva l-qosor! Hekk tgħidli Markita; imma dik għad-dbielet tirreferi. Dawk li l-ma ssejħilhom kemm kemm jgħattulek il-fhimtu-xi-rrid-ngħid u n-nanna Vinnie, jew kif inħobb ngħidilha jien, Venut, tużahom biex tfarfar bihom. Dad-dbielet xtrajt wieħed minnhom u tiġini t-tentazzjoni nilbsu. Imma tentazzjoni tibqa' tentazzjoni sakemm ma taqax. *Ara taqa'*.

Mill-bqija iktar nilbes t-shirts kbar biex jgħattuli diż-żaqq li rabbejt bil-fish & chips li kienet tbellagħli l-ma. Illum nibqa' bir-riħa. *Lanqas*. Jaqq. *Hekk mela*. Anke l-aljotta jekk niġu f'dan. *Tħaxxen ukoll*. Fiha riħa ta' mard u tfakkarni f'li rrid niekol bilfors. Jaqq mod ieħor. *Brava*. U r-riħa taż-żejt tal-ħut, tfakkarni fi żmien meta l-Fry & Try tat-tarf tat-triq kien għadu jiftaħ. Kelli biss 3 snin, kont niżen 20 kilo, u daqshekk.

# 1. agħlaq

Filgħodu tini naħtaf u ttini xejn iżjed. Kollox naħtaf. *Jekk taħtaf ma nkellmekx*. Naħtaf il-ħobż, naħtaf il-kliem, naħtaf il-basket u nlebbet 'il barra u meta l-ma tkun id-dar, anke lilha naħtaf. *Ma nkellmekx*. Dawk l-ewwel ftit sigħat imħeddla sfida għal kulħadd. Mhux imbilli jgħidu li meta tikber tibda tqum fil-ħin u tbati għax tkun għadek ta' fourteen. Li tbati biex tqum kmieni wara sajf tqil u twil, nemminha. Imma mhux għax ta' fourteen. Għax ta' fourteen t'għajni. Il-pa dejjem ikollha tqajmu l-ma u l-ma dejjem tqum nofs siegħa tard wara li l-alarm, aktar iva milli le, tagħmlu għas-sebgħa ta' filgħaxija u mhux ta' filgħodu.

B'xi mod, dejjem nasal l-iskola fil-ħin. Forsi mhux dejjem dejjem, imma kważi. Tessa, ngħidu aħna, każ għalih. L-għalliema jnizzluha late minn qabel għal sena sħiħa għax in-normalità tagħha tard. Bonġu fid-disgħa ta' filgħodu. Dis-sena, il-Form 4, erġajna bdejna bil-banda. Istra, għandha ħila ta' barra minn haw' li tasal f'nofs it-tieni lezzjoni u qisha mhix hi. Imnalla,

għax id-darba li nasal tard jien, ma nidhirx daqstant kerha. Tessa, dejjem iktar tard minni, ħlief meta tkun sejra għaż-żfin, fis-sitta bumm. Kuljum. *Dik tiċċaqlaq, mhux bħalek*.

Xi jiem wara li rġajna bdejna l-iskola kelli bżonn immur nixtri u'l Tessa rajtha sejra ż-żfin. Kienet waħda minn dawk il-ġranet. Filgħodu qsamt addoċċ għax kienet se titlaq il-bus. Infaqa' l-bottle fil-basket. Qsamt sebgħi bis-sikkina tal-ħobż. Għandi vizzju naqsam kollox: il-ħwejjeġ, in-nies bid-daħq. *Ħlief l-ikel*. Ħlief l-ikel.

U noħroġ. Ngħaġġel sakemm ma niflaħx iktar. Irrid nasal sat-tarf l-ieħor tar-raħal għax il-ħwienet fis-sebgħa jagħlqu. *Iġri iktar, anzi, iktar.* Għandi bżonn tejp u jekk indaħħalha f'moħħi li għandi bżonn ħaġa, mhux lakemm ngħaddi mingħajrha. *Imma tgħaddi mingħajr dak li ngħidlek jien, trid jew ma tridx*. Imma, iva, ovvjament la kienet waħda minn dawk il-ġranet ma mmurx nixtri biċċa tejp bla ma jiġri xejn. F'nofs triq ninduna li ħallejt il-flus warajja u nerġa' ndur lura għalihom. Il-pass lura d-dar, inħaffu iktar. *Prosit*.

Nasal id-dar. Indawwar iċ-ċavetta. Nimbotta l-bieb. Ngħajjat ma. Maggie. Maggie. Maggie. U ma twiġibx. Bħal-lum ikollha l-lezzjonijiet tal-keep fit. Skuża tajba biex tiffitta lil ħaddieħor u mhux lili. *Anke ommok irqaq minnek*. Nidħol id-dar u ninsa għal xiex kont

mort lura. Nitla' fuq u nibda ndur kamra kamra forsi niftakar għalfejn kont mort. Nidħol fil-kamra tas-sodda, fil-kamra tal-banju, il-kuritur naħartu u mbagħad il-kċina. It-tejp. It-tejp. It-tejp. Dażgur. Insejt il-flus għat-tejp warajja. Nerġa' nidħol fil-kamra tas-sodda, inġib ftit ċenteżmi u nitlaq 'il barra mill-ġdid. Roll tejp kbir. Roll tejp kbir. Roll tejp kbir. Nirrepetihom lili nnifsi biex ma ninsiex. Niftakar f'Tessa li daqs nofs siegħa qabel kienet għaddejja għaż-żfin. Bħalissa qed iddur fuq il-ponot ta' subgħajha. Malajr tqum fuq tagħha fejn trid, Tessa. *U mela bħalek*.

Nibqa' nħaffef s'għand l-istationery in-naħa l-oħra tar-raħal. Mank stationery qrib. *Aħjar hekk*. Tal-fish & chips ġew fetħu fit-triq tagħna. *Insieh*. Wara għaxar minuti nibda negħja, itini li nieqaf, nistrieħ ma' ħajt imma ma nistax. Dak it-tejp għandi bżonnu. It-tejp bżonn indispensabbli. Inwaħħal il-posters fil-kamra bih. Amy Winehouse. Lorde. Victoria Beckham. Gemma Ward. U meta kont żgħira kont nużah biex nagħmel xi craft lill-ma u darba, ta' xi erba' snin, użajtu biex mingħalija nwaħħal is-sinna li waqgħetli. Kont nużah taparsi dwiefer foloz ukoll. Imm' issa, la għall-craft m'għandi bżonnu u lanqas għas-sinna. *Jekk tagħmel kif ngħidlek jien jirnexxilek*. Dak it-tejp bżonn tal-bżonnijiet.

Nasal nilheġ. *Qed tara x'jagħmillek ix-xaħam żejjed*

*ħux?* Nitlobha tejp. M'għandix flus biżżejjed. Kultant ċassa aktar minn Tessa, imma tal-inqas, kultant biss. Franka ddejjinni għax tafna. Taf lili, lill-ma, lill-pa, lin-nanna ... jekk niġu f'dan lir-raħal kollu taf Franka. Skuża tajba biex nerġa' naqsam ir-raħal bil-pass. *Hekk mela.* Kif nidħol id-dar nerġa' ngħajjat lill-ma. Tliet darbiet. Maggie. Maggie. Maggie. Għalxejn. Aktarx għadha qed tiffitta. Nitla' fil-kċina u l-ħin fuq il-*cuckoo clock* li ġabu l-ma u l-pa mill-Black Forest jimmarka s-sebgħa u nofs. Ma setgħux jagħmlu arloġġ tal-Black Forest f'post aħjar milli ġol-kċina.

Jaqbadni l-ġuħ. X'ħin kilt l-aħħar? Niftaħ il-friġġ. Kważi vojta. Żewġ slices pizza mqaddin. Kartuna ħalib naħseb qraset. Ħaxix midbiel. U ġbejjen u prieżet fil-karti mxarrba. Niftaħ il-forn. Vojt ukoll. Il-cupboards. L-istess. Ħlief deterġenti, ovvjament, għax fil-washroom m'hemmx post biżżejjed. Mhux dejjem jagħmlu x-xirja fil-ħin il-ma u l-pa. Forsi qegħdin jixtru mela, għalhekk mhux id-dar. Nibda ndur mal-mejda tal-kċina naħseb x'se niekol. Bejn irrid u ma rridx. *Is-sebgħa u nofs mhux ħin l-ikel. Is-sebgħa u nofs qatt mhu ħin l-ikel.* Il-Ġermanja jieklu l-aħħar ikla fis-sitta. Dażgur, is-sebgħa u nofs mhux ħin l-ikel. Is-sebgħa u nofs ħin il-ma tara n-nanna u tniżżel it-te biz-zokkor biex tirkupra mill-għaraq li tkun tilfet. Aktarx li qiegħda hemmhekk il-ma; u l-pa, iktar iva milli le, sar flixkun birra jiżfen

xi pitbuljata. Jew qegħdin jixtru. Id-dar dejjem vojta u l-friġġ vojta. Jien vojta. *Itlaq mill-kċina. Issa.*

Immur fil-kamra tas-sodda. Il-homework lest. Għal għada. Niftaħ ktieb u nibda naqra. Il-poeżiji ta' Brontë. Qaltilna bihom tal-Ingliż. Niftaħ addoċċ. Me thinks this heart should rest awhile. *Aħjar hekk.* So stilly round the evening falls. *Inkella aqbad u mur imxi.* The veiled sun sheds no parting smile. *La tirqaq ikollok għalfejn titbissem.* Nor mirth nor music wakes my Halls. *Qum fuq tiegħek.* Inkompli naqra. Ingerrem difrejja. Imbagħad il-ħedla mill-qari. U l-mowbajl jixgħel. Markita. Tgħidli biex noħorġu. Mixja. Siegħa kollox. Inbiddel u nitlaq. *Hekk mela.*

Markita l-hena tagħha timxi. Tgħidli mmur magħha. *Anke hi ndunat li qed teħxien.* Niddejjaq nimxi imma xi ħaġa tibda tgħidli biex noħroġ, u issa donni qed nidra u nieħu gost. *Mur u imxi.* Immur u nimxi. Nieħdu dawra u tnejn mar-raħal. Iktar minn siegħa. Naqta' naqra nifsi imma qed jitjieb in-nifs ukoll. *U jekk tonqos jitjieb iktar.* Nimxu. Iffukati. Kliem mill-inqas. Imbagħad naslu għandi. Ngħidilha tidħol. Tistħi għax ikun hemm il-ma u l-pa. Nidħol. Ngħajjat tliet darbiet. Maggie. Maggie. Maggie. Ħadd. Kieku hawn il-pa diġà niżel għalija għax qed ngħajjat. Ngħidilha tridx xi ħaġa lil Markita. Mill-friġġ. *Tazza ilma biss.* Nieħu waħda jien ukoll. *Biss.* Inwassalha sal-bieb. Għada fis-sebgħa

bħas-soltu. Fuq l-istejġ. Niftiehmu li t-tnejn se naraw l-istess film. Wieħed light. Step up. *Step up*.

Headphones. Check. Film. Check. Ilma. *Biss*. Check. U jibda ġej in-ngħas. U jibda ġej il-ġuħ. *Xi ħniżrija*. U ġisimhom. Sabiħ. *Irqaq hux?* Żaqqhom ma' daharhom. *Sbieħ le?* Nixtieq inkun bħalhom. Għax jien, naqbad fejn naqbad, xaħam. *U laħam*. Ħafna xaħam. *Tiċċajta*. Nixtieqni huma. Nixtieq niekol. Jispiċċa l-film u żaqqi tgerger kienet u tgerger baqgħet. Sar ftit ħin. Il-ma u l-pa għadhom ma ġewx. Lanqas messaġġ ma jwieġbu.

Nerġa' mmur fil-kċina. Belgħa oħra. *Ilma biss*.

U l-friġġ.

U l-mixi.

U l-mixja.

*It-tejp*. Indawwar il-friġġ bit-tejp u mmur norqod.